MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 690/2011

**Victor Gauci ID 373653(M)**

**vs**

**Herman Von Brockdorf u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2012 gie nominat Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Herman Von Brockdorf**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ qed jitlob minghand il-konvenut il-hlas ta' tlett elef, tlett mija sebgha u amsin Ewro u ghaxar centezmi (€3,357.10c) dovut bhala bilanc ta' xoghol ta' *spray* esegwit fuq inkarigu u a beneficcju tal-konvenut. Bl-ispejjes u bl-imghax.

**Ra** r-RISPOSTA tal-kuratur, mahtur biex jirraprezenta lill-konvenut assenti billi qal li hu mhux edott mill-fatti –

b'riserva li jissottometti n-Nota tieghu meta jsir jaf il-fatti. Sa ma ntemm il-gbir tal-provi din in-Nota, baqghet ma gietx.

II PROVI

A L-attur xehed hekk:-

*Qed nesebixxi Dok VG fejn hemm elenkat fid-dettal ix-xoghol li sar li kien jinkludi per ezempju spray tal-ghamara u lostru tal-ghamara u lostru tat-tarag li kien hemm tal-injam. F'dan l-invoice juri bilanc ta' €3,473 u ftit centezmi imma jien qed nirriduci t-talba ghal ammont ta' €3,357.10; biex niccara jien qed nitlob l-ammont li ghandi fl-avviz u mhux il-bilanc li jidher fuq l-istess invoice. Dan l-ammont ta' €645 kien hallasuli b'ammonti rateali u kien jghidli "se ntik xi haga ohra, issa ntik, issa ntik" imbghad finalment kien sparixxa. Dan qatt ma ergajt rajtu u sa fejn naf jien qieghed barra minn Malta. Ix-xoghol kollu kien sar u qieghed fil-fond u fil-pussess tal-konvenut.*

B **<u>Brian Cacciattolo</u>** imressaq mill-attur xehed hekk:-

*Jiena kont nahdem ma' Victor Gauci sa xi sena u nofs ilu. Prezentament ma ghadnix nahdem mieghu. L-attur jaghmel xoghol ta' spray tal-ghamara. Niftakar li jien hdimt ghand Herman Von Brockdorff naghmel dan l-ispray meta kont nahdem mal-attur bhala lavrant. Jekk niftakar sew kien hemm xoghol ta' bibien imma ma niftakrx sew ix-xoghol x'kien, imma niftakar li kien hemm hafna xoghol. Ix-xoghol kien tlesta. Jiena niftakar lill-attur dejjem jghid li Herman Von Brockdorf ma kienx hallsu u li dejjem jghidlu li se jhallas. Sakemm domt jiena impjegat mas-Sur Gauci, niftaru jghid dan id-diskors.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Il-fatt li l-konvenut baqa ma deherx u ma taniex il-versjoni teighu, ma jammontax ghal ammisjoni. Jigifieri l-attur xorti jrid <u>jipprova</u> l-pretensjoni tieghu.

2. Meta t-TRIBUNAL iqis ix-xhieda tal-attur u l-korroborazzjoni offruta mix-xhieda ta’ Brian Cacciattolo, u jezamina d-Dokument VG *a fol* 25 esibit mill-attur, it-TRIBNAL ihoss li dan il-kompitu minnu mistenni, l-attur qdieh soddisfacentement. L-attur anqas qabad u fajjar *quantum* izda ta’ dettalji ta’ dak dovut u ha f’konsiderazzjoni l-hlasijiet akkont li ghamel il-konvenut.

DECIZJONI

Meqjus dak kollu kunsidrat hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jilqa** t-talba tal-attur u (2) **jikkundanna** lill-konvenut biex ihallas lill-attur il-*quantum* ta’ tlett elf, tlett mija, sebgha u hamsin ewro u ghaxar centezmi (€3,357.10c) u dana bl-imghax mit-28 ta’ Gunju 2011 sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **jikkundanna** lill-konvenut ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza u dawk tal-ittra ufficjali nru 2250/11 mitluba fl-AVVIZ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------